# Il-Filarmonika L'Unione u l-Festa Nazzjonali tal-Vitorja fil-Belt Senglea, 1884

**Melchior Portelli**

Minn dokumentazzjoni reġistrata nafu, li l-Filarmonika *L'Unione* irreġistrat l-ewwel servizz uffiċjali tagħha fil-festa tal-Kunċizzjoni f'Ħal Luqa stess nhar id-9 ta' Diċembru 1883. Dakinhar il-banda għamlet id-debutt tagħha permezz ta' programm mużikali fuq palk armat quddiem l-istatwa tal-Kunċizzjoni fi *Piazza Chiesa.* Għad li l-banda kienet ilha ffurmata sa mill-1880 mis-surmast Vincenzo Camilleri u wliedu Ferdinando, Gavino, Nerico u Manwel, kien biss wara tliet snin mit-twaqqif tagħha, u ftit xhur minn wara l-firda ta' Settembru 1883, li l-ewwel banda tal-Ħalluqin ħarġet issemma leħinha bid-daqq tagħha fost l-entużjażmu kbir ta' dawk kollha preżenti li ħarġu jifirħu bil-banda l-ġdida ta' raħalhom. Hekk huma wkoll setgħu jiftaħru li kellhom il-banda tagħhom bħal ħaddieħor.


*Il-Bambina tal-Isla*

Jekk is-sena 1883 kienet daqshekk ta' qtiegħ il-qalb biex *L'Unione* toħroġ minn darha u ssemma leħinha, mhux l-istess jingħad għas-sena 1884. F'dik is-sena nsibu li *L'Unione* kellha tliet servizzi ewlenin. L-ewwel wieħed kien nhar is-17 ta' Frar, meta l-banda għamlet programm mużikali fil-pjazza tal-knisja u li dwaru ingħata tifħir l-għada 18 ta' Frar fuq ġurnal lokali minn xi ħadd iffirma *G.C.B.* Il-Banda *L'Unione* mbagħad ħadet sehem ukoll, flimkien ma' oħrajn, fil-Belt Valletta nhar l-4 ta' Ġunju biex jiġi ċċelebrat ir-rebħ tal-elezzjoni tal-Kunsill. U lejn l-aħħar tas-sena 1884 servizz importanti ieħor għall-Filarmonika *L'Unione* kien dak għall-festa titulari ta' Sant'Andrija fl-1 ta' Diċembru 1884. Dakinhar kien ta' ferħ doppju għall-poplu Ħalluqi, għax barra li kien qed jiċċelebra l-festa tal-Patrun, kien ukoll qed jifraħ u jilqa' il-Kappillan il-ġdid tiegħu.


*Il-Gran Mastru La Sengle*

Biss qabel il-festa titulari, il-Filarmonika *L'Unione* ħarġet għall-ewwel darba idoqq 'il barra mir-raħal. Dan seħħ nhar is-7 ta' Settembru 1884 għall-festa tal-Vitorja fl-Isla. Dakinhar, il-banda immexxija mis-Surmast

Gavino Camilleri u li kienet magħmula minn bandisti illitterati daqqet fi Strada Rjali b'mod li għaġġeb lil kulħadd meta tqis li dawn ma kellhomx għajnuna ta' xi professuri u ta' bandisti barranin. Żgur li kien ta' meravilja u suċċess strepituż li tara banda ta' eta' hekk żgħira toħroġ daqstant bl-unuri fil-Kottonera, il-mekka tal-baned u l-mużiċisti!!

Il-kittieb tal-ittra fil-ġurnal *Malta* tad-9 ta' Settembru 1884 kiteb hekk:

*"Alla vigilia della Natività della B.V. che solito festa si celebrava nella Senglea, la banda L'Unione di casal Luca diretta dal Maestro Gavino Camilleri suonava in Strada Reale. Detta banda e' composta di persone tutte illetterate, ed il valente maestro nello spazio di un anno seppe condurla a suonare con generale meraviglia, senza aiuto di altri professori, che comesi suoi fare generalmente vengene portati in aiuto ai tironi. Un bravo di onore al Maestro Gavino Camilleri, serva d'un incentivo di perseveranza ai membri che compongono la suddetta Societa' Filarmonica"*


***L-istandard irregalat lill-Filarmonica L'Unione***

Minn dakinhar 'il quddiem *L'Unione* intrabtet ma' din il-Belt u l-festa tagħha u baqgħet tagħti s-sevizz tagħha hemmhekk għal snin twal. Saħansitra, bħala rikonoxximent għar-rabta twila u intima mal-Belt Senglea, nhar it-23 ta' Settembru 1923 fil-pjazza tal-knisja ta' Ħal Luqa, saret ċerimonja sabiħa u memorabbli meta l-kumitat tal-Festi Nazzjonali u Titulari ta' Marija Bambina tal-Isla ippreżenta standard sabiħ bl-emblema tagħhom fuq sfond isfar u aħmar lis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, liema standard għadu sallum merfgħuh b'għożża kbira ġo vetrina apposta tal-ħġieġ biex jitgawda u jfakkar għall-dejjem sehem il-Filarmonika *L'Unione* u r-rabta indimentikabbli mal-Belt Senglea u l-festa nazzjonali tal-Vitorja.

*Referenzi:*
*Galea Francis, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha l-Unjoni (2005)*
*Soċ. Fil. L-Unjoni, Pubblikazzjoni Annwali (Festa 2000)*
Gazzetta *'Malta', 9 Settembre 1884.*

*Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jifraħ Lil John Bonnici għall-ħatra tiegħu ta' President Onorarju*

*u*

*Lil Donna Carmen Vella Haber, Agnes Azzopardi, Joseph Brincat, Maria Camilleri u Paul Fiorentino għall-ħatra tagħhom bħala Membri Onorarji tas-Soċjetà.*